MALTA

# QORTI KOSTITUZZJONALI

**ONOR. IMHALLEF -- AGENT PRESIDENT
NOEL CUSCHIERI**

**ONOR. IMHALLEF
ANNA FELICE**

**ONOR. IMHALLEF
JOSEPH ZAMMIT MC KEON**

Seduta ta' l-1 ta' Lulju, 2013

Appell Civili Numru. 6/2010/1

**Practical Trading Company Limited (C. 12898)**

**v.**

**(1) Kontrollur tad-Dwana u**
**(2) L-Avukat Generali**

**Il-Qorti :**

## I. <u>Ir-rikors kostituzzjonali</u>

Rat ir-rikors kostituzzjonali illi pprezenta Stephen Ellul Sullivan, bhala direttur ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta` Practical Trading Limited, li jaqra hekk :

“1. Illi permezz ta’ sentenza moghtija mill-Prim’ Awla tal-Qorti Civili fil-proceduri fl-ismijiet Practical Trading Co. Ltd vs Kontrollur tad-Dwana (citazzjoni numru 1693/99 JA) datata 29 ta’ Ottubru 2002 l-Ewwel Qorti kienet ippronunzjat ruhha billi cahdet it-tieni, tielet, raba, l-hames u s-sitt eccezzjonijiet sollevati mill-intimat Kontrollur tad-Dwana u kwindi ddikjarat lill-istess Kontrollur responsabbli sabiex irodd lura lis-socjeta’ attrici kull ammont imhallas indebitament fir-rigward tal-partiti ndikati fic-citazzjoni.

“2. Illi b’mod partikolari l-Ewwel Onorabbli Qorti fis-sentenza fuq citata kienet esprimiet ruhha dwar ir-raba u l-hames eccezzjoni li jitkellmu fuq nuqqas ta’ nteress guridiku da parti tal-attur, l-odjern rikorrent, fis-sens illi dawn kienu ghal kollox irrilevanti ghas-soluzzjoni tal-vertenza sotto ezami. Tant hu hekk illi kif ser jigi ndikat aktar il-quddiem f’dan ir-rikors, l-istess l-Ewwel Onorabbli Qorti kienet sahansitra pprojbiet lill-partijiet milli jressqu provi fuq dan il-punt. Difatti l-istess l-Ewwel Onorabbli Qorti kienet espressament ordnat lill-avukat tal-Kontrollur intimat milli tissokta taghmel domandi lir-rikorrent fuq din il-materja.

“3. Illi permezz ta’ sentenza moghtija mill-Prim Awla tal-Qorti Civili datata 30 ta’ Gunju 2005, fl-istess proceduri, kienet giet milqugha t-talba attrici, cioe dik ta’ l-odjern rikorrent u kkundannat lill-konvenut l-odjern intimat Kontrollur tad-Dwana ihallasha s-somma likwidata fl-ammont ta’ Lm 33,604.20.

“4. Illi l-intimat Kontrollur tad-Dwana kien hassu aggravat minn dawn iz-zewg sentenzi u kwindi ntavola appell minnhom. Illi permezz ta’ sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell datata 29 ta’ Frar 2008, l-aggravji kollha sollevati mill-intimat Kontrollur tad-Dwana kienu gew respinti hlief ghal hames aggravvju li kien jikkoncerna l-kwistjoni tal-

interess guridiku cioe' n-nuqqas ta' nteress guridiku da parti tas-socjeta' attrici l-odjerna rikorrenta.

"5. Illi f'din is-sentenza tal-appell, il-Qorti kienet waslet ghal konluzjoni li l-eccezzjoni tan-nuqqas ta' nteress guridiku kienet wahda valida u li l-Ewwel Qorti kienet kwindi irrespingietha erronjament. F' dan id-dawl ghalhekk u fuq dan l-argument ta' l-interess guridiku, l-Qorti ta' l-Appell waslet biex laqghet l-appell tal-Kontrollur tad-Dwana u konsegwentement cahdet it-talbiet tas-socjeta' attrici.

"6. Illi s-socjeta' rikorrenta resqet talba biex dan il-kaz jigi ritrattat a bazi tal-artikolu 811(e) Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta fejn argumentat li kienet saret applikazzjoni tal-ligi l-hazina stante li l-Qorti ta' l-Appell kien imissha bbazat id-decizjoni taghha jew fuq il-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta dwar l-indebito solutio, cioe l-ligi applikabbli fiz-zmien in kwistjoni jew inkella ta' l-anqas kien imissha applikat il-Ligi ta' l-Unjoni Ewropea kif integrata fil-ligi Maltija pero certament mhux ligi jew regolament li kien dahal fis-sehh fl-intervall waqt il-process ta' dina l-kawza.

"7. Illi permezz ta' sentenza moghtija mill-istess Qorti ta' l-Appell diversament presjeduta datata 5 ta' Marzu 2009, it-talba ghal ritrattazzjoni giet michuda stante li qalet li ma hux il-kaz ta' applikazzjoni ta' ligi hazina izda pjuttost kien kaz ta' nterpretazzjoni tal-kuncett ta' l-interess guridiku fid-dritt ta' azzjoni.

"8. Illi ghalhekk ghandu jirrizulta li t-talba tas-socjeta' attrici l-odjerna rikorrenti ghal refuzjoni ta flus imhallsa ndebitament lill-Kontrollur tad-Dwana giet respinta finalment mill-Qorti tal-Appell kemm fl-ewwel stadju u kif ukoll in ritrattazzjoni a bazi tal-argument dwar nuqqas ta' nteress guridiku da parti ta' l-istess socjeta.

"9. Illi tali decizjoni u sentenzi ghal darba tnejn ifissru li l-Qorti ta' l-Appell iddecidiet il-kaz kontra s-socjeta' rikorrenti fuq fattur mhux biss illi ma kienux tressqu provi fuqu izda sahansitra fuq punt illi l-Ewwel Qorti kienet espressament ipprojbiet lill-partijiet milli jressqu l-icken

prova fuq l-istess. Illi fi kliem iehor il-Qorti tal-Appell iddecidiet il-kaz fuq kwistjoni fejn il-partijiet kienu gew espressament ipprojbiti milli jressqu l-provi dwaru.

“10. Illi fil fatt jekk wiehed jaqra t-traskrizzjoni tax-xhieda kollha relattiva ghal din il-materja u mhux biss estratt limitat tal-istess, kif ghamlet il-Qorti ta’ l-Appell, l-argument hawn sollevat mis-socjeta’ rikorrenta jidher evidenti tassew.

“11. Illi ghall-ahjar konvenjenza u attenzjoni ta’ dina l-Onorabbli Qorti, s-socjeta’ rikorrenta qieghdha hawn tirriproduci ad verbatim it-text kollu dwar dak li tressaq fuq il-materja quddiem l-Ewwel Onorabbli Qorti. (xhieda ta’ Stephen Sullivan fol 147).

*“Avukat: Issa, intom qed taghmlu din il-kawza biex tigbru taxxi ta’ importazzjoni li hallast bejn l-1996 u l-1998, qed nghid sew?*

*“Xhud: Sewwa.*

*“Avukat: Issa meta bieghejtu l-prodotti intom fil-prezz inkludejtuha din it-taxxa li hallastu?*

*“Xhud: Ovvja. Pero ahna konna iktar gholjin mill-kompetituri taghna, sewwa? Jigifieri t-targets taghna ma lhaqnihomx”. Il-marketing expenditure taghna we were exposed to –*

*“Il-Qorti: Sur Sullivan, irrilevanti kollu dan.*

*“Xhud: Irrilevanti.*

*“Avukat: Jigifieri gia gbartu dak l-ammont li qed titolbu fil-kawza!*

*“Xhud: Le, le, le, ahna –*

*“Il-Qorti: <u>Ieqaf. Dottoressa tkomplix fuq din il-lina.</u> (sottolinejat tieghi).”*

"12. Illi ghalhekk minn din it-traskrizzjoni tax-xhieda johrog bic-car illi l-Ewwel Onorabbli Qorti kienet espressament impediet lill-partijiet anzi b'mod partikolari lill-Kontrollur tad-Dwana milli jipprova jressaq xi forma ta' prova fuq il-kwistjoni tal-interess guridiku in sostenn tal-eccezzjonijiet minnu mressqa.

"13. Illi ghalhekk tenut kont ta' dan l-istat ta' fatt evidenti l-Qorti ta' l-Appell qatt ma setghet takkolji l-appell imressaq mill-Kontrollur tad-Dwana a bazi tal-aggravvju minnu mressaq fuq in-nuqqas ta' interess guridiku peress illi mhux biss ma kienx hemm provi fuq din il-materja izda sahansitra l-Ewwel Onorabbli Qorti kienet espressament impediet lill-istess partijiet inkluz il-Kontrollur milli jressqu provi fuq dan il-punt.

"14. Illi f'dan id-dawl u tenut kont ta' dawn ic-cirkostanzi, jekk il-Qorti tal-Appell dehrilha li l-kwistjoni tan-nuqqas ta' nteress guridiku kien punt rilevanti kuntrarjament ghal dak espress u mahsub mill-Ewwel Onorabbli Qorti, kien imissha jew ippermettiet li jitressqu l-provi kollha rilevanti u relattivi fuq din il-materja jew aktar xieraq u gust sabiex il-partijiet ma jitilfux id-dritt tad-doppio esame, kien imissha rriferiet il-kaz lura lill-Ewwel Onorabbli Qorti sabiex tiddeciedi fuq l-istess wara li tisma u tevalwa l-provi li jressqu l-partijiet fuq il-kwistjoni tal-interess guridiku – pero certament ma kellhiex tasal ghal konkluzjoni li waslet ghaliha meta ma kienx hemm provi fuq dan il-punt per konsegwenza ta' ordni espressa u diretta ta' l-Ewwel Onorabbli Qorti kif gia ndikat hawn fuq.

"15. Illi difatti jigi rilevat illi apparti s-silta hawn fuq citata, ma tressqet ebda forma u jew element ta' prova ohra fuqhiex il-Qorti tal-Appell setghet tasal ghad-decizjoni taghha fuq il-materja tal-interess guridiku.

"16. Illi in vista tal-fatturi hawn fuq spjegati, s-socjeta' rikorrenti certament hija gustifikata li tirrileva fl-odjern rikors illi ma nghatatx smiegh xieraq mill-Qorti tal-Appell fiz-zewg istanzi fuq imsemmija u dana il-ghaliex iddecidiet il-kaz kontra taghha a bazi ta' argument fejn a) mhux biss ma thallewx jingiebu provi fir-rigward ta' l-interess guridiku

izda sahansitra wkoll b) ma jezistux fil-fatt provi f'dan ir-rigward u ghalhekk il-Qorti tal-Appell ma kellhiex provi fuqhiex tistrieh biex waslet ghal konkluzjoni li waslet ghaliha.

"17. Illi ghalhekk ghandu jirrizulta minghajr ebda ombra ta' dubbju li d-drittijiet Kostituzzjonali tas-socjeta' rikorrenti kif stipulati fl-artikolu 39 u d-drittijiet taghha kif stipulati fil-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem Artiklu 6(1) u kontenuta fl-iskeda tal-Att nru XIV tas-sena 1987 – Kap 319 - gew ivvjolati stante li s-sentenzi pronunzjati mill-Qorti tal-Appell hawn fuq citati gew moghtija minnghajr ma nghata smiegh xieraq lill-istess socjeta rikorrenta.

"Ghaldaqstant l-esponent jitlob bir-rispett illi din l-Onorabbli Qorti joghgobha ghar-ragunijiet premessi takkordalu dawk ir-rimedji kollha spettanti lilu skond il-ligi fosthom is-segwenti u cioe` :

"1. Tiddikjara li z-zewg sentenzi moghtija mill-Qorti tal-Appell datati 29 ta' Frar 2008 u 5 ta' Marzu 2009 ivvjolaw id-drittijiet fundamentali tas-socjeta` rikorrenta ghal smiegh xieraq kif garantit bl-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u bl-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Europea ghad-Drittijiet tal-Bniedem (Kap. 319) ;

"2. Tiddikjara nulli u bla effett l-imsemmija zewg sentenzi moghtija mill-Onorabbli Qorti tal-Appell datati 29 ta' Frar 2008 u 5 ta' Marzu 2009 fl-ismijiet Practical Trading Company Limited vs Kontrollur tad-Dwana (Citaz Nru 1693/99) minhabba tali vjolazzjonijiet ;

"3. Tordna lill-intimati jew min minnhom ihallsu kumpens xieraq lis-socjeta` rikorrenta kif likwidat minn din l-Onorabbli Qorti ghal ksur tad-dritt fundamentali taghha ghal smiegh xieraq ;

"4. Taghti okkorrendo kull provvediment u/jew rimedju iehor li jkun jidrilha hekk xieraq u opportun biex tizgura t-twettieq tad-dritt fundamentali tas-socjeta` rikorrenti ghal smiegh xieraq.

“Bl-ispejjez kontra l-intimati minn issa ngunti ghas-subizzjoni.”

## II. Ir-risposta

Rat ir-risposta tal-Kontrollur tad-Dwana u tal-Avukat Generali li in forza taghha eccepew illi :

“Illi fir-rikors promotur is-socjeta’ rikorrenti qeghda tallega ksur tad-dritt taghha ghal smigh xieraq kif garantit bl-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta’ Malta u bl-artikolu 6 tal-konvenzjoni Ewropeja mill-Qorti ta’ l-Appell fis-sentenzi taghha. L-allegazzjoni hija li l-Qorti ddecidiet li s-socjeta’ rikorrenti ma kellhiex interess guridiku u dan minghajr ma thallew jingiebu provi fir-rigward ta’ l-interess guridiku u ma jezistux provi f’dan ir-rigward u b’hekk il-qorti ma kellhiex provi fuqhiex tistrieh.

“1. Non-Ezawriment tar-Rimedji Ordinarji

“Illi preliminarjament, is-socjetà rikorrenti ma ezawrietx ir-rimedji ordinarji u ghalhekk din l-Onorabbli Qorti ghandu jogoghbha tirrifjuta li tezercita s-setghat kostituzzjonali taghha ai termini tal-proviso tas-subartikolu (2) ta’ l-artikolu 46 tal-Kostituzzjoni ta’ Malta u ai termini tal-proviso tas-subinciz (2) ta’ l-artikolu 4 tal-Kap 319.

“2. Rikors Frivolu u Vessatorju

“Illi in linea preliminari u minghajr pregudizzju ghas-suespost ir-rikors promotur huwa wiehed frivolu u vessatorju stante li (i) mhux ghajr appell mid-decizjoni ta’ l-Onorabbli Qorti ta’ l-Appell fl-ismijiet Practical Trading Co Ltd vs Kontrollur tad-Dwana (App Civ Nru 1693/99) moghtija fid-29 ta’ Frar, 2008 ; u (ii) wara li r-rikors ta’ ritrattazzjoni ntavolat mis-socjeta’ rikorrenti gie michud ukoll permezz tas-sentenza tal-5 ta’ Marzu, 2009, dan ir-

rikors kostituzzjonali qieghed jintuza' bhala tentattiv biex dawn id-decizjonijiet jigu varjati.

"Kif gie ritenut diversi drabi fil-gurisprudenza lokali, din il-Qorti kif adita mhiex qorti ta' revizjoni u dan peress li mhiex il-funzjoni taghha li tiddeciedi jekk qrati ohra kkommettewx zball ta' ligi jew ta' fatt fid-decizjonijiet taghhom, izda biss ghandha tqis jekk il-procediment kienx tassew wiehed imparzjali u skond il-ligi.

"3. <u>Ebda ksur ta' l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u ta' l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja</u>

"Illi minghajr pregudizzju għas-suespost u fil-mertu, it-talbiet tas-socjeta' rikorrenti ghandhom jigu michuda peress li huma infondati fil-fatt u fid-dritt stante li ma kien hemm l-ebda ksur tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti hekk kif sanciti mill-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u mill-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja dwar id-Drittijiet tal-Bniedem.

"Dawn l-artikoli jipprovdu dwar id-dritt ghal smigh xieraq liema dritt ghandu jigu assigurat matul il-procediment tal-kawza u dan fl-assjem u fit-totalita' tieghu. Ma jistax ikun hemm analizi vis-a-vis punt partikolari tal-procedura jew xi mument fiha.

"Dwar dan l-esponenti, f'dan l-istadju, jissottomettu s-segwenti :

"(i) Mhux minnu li l-Prim Awla tal-Qorti Civili ipprojbiet lill-partijiet milli jressqu prova fuq l-eccezzjoni ta' nuqqas ta' interess guridiku imressqa mill-Kontrollur tad-Dwana.

"(ii) Is-socjeta' rikorrenti kellha kull opportunita' li tressaq il-provi taghha dwar dan il-punt quddiem il-Prim Awla. Is-socjeta' rikorrenti qatt ma talbet biex tressaq provi dwar dan il-punt. Inoltre la darba s-socjeta' rikorrenti issa qed tghid li kellha interess li tressaq provi dwar dan il-punt hija lanqas m'appellat meta l-qorti waqqfitu' milli jgib il-provi. Inoltre', is-socjeta' rikorrenti kellha kull

opportunita’ li tirrispondi u tittratta dwar l-aggravju imressaq f’dan is-sens mill-esponent Kontrollur tad-Dwana fir-rikors ta’ l-appell tieghu. Ghalhekk jekk ma ressqitx provi dwar dan il-punt kienet biss decizjoni taghha u kwindi ‘*qui culpa sua damnum sestit non videtur damnum sentire*.’

“(iii) Is-socjeta’ rikorrenti ma lmentatx dwar dan l-allegat nuqqas fir-rikors u fil-proceduri tar-ritrattazzjoni izda qeghda tilmenta minnu biss wara li anki dawk il-proceduri gew decizi kontra taghha.

“(iv) Minghajr pregudizzju ghas-suespost ghandu jirrizulta car mir-ragunament tal-Qorti ta’ l-Appell fiz-zewg decizjonijiet impunjati li fil-fatt il-Qorti ta’ l-Appell kellha quddiemha provi bizzejjed in atti biex tasal ghad-decizjoni taghha. L-evalwazzjoni tal-provi hija fid-diskrezzjoni tal-Qorti li tkun qed tittratta l-kaz u din il-Qorti fil-gurisdizzjoni taghha ma tistax ticcensura l-ezercizzju ta’ din id-diskrezzjoni.

“(v) Minghajr pregudizzju ghas-suespost, il-prova li kienet essenzjali ghar-risoluzzjoni ta’ din l-eccezzjoni kienet jekk is-socjeta’ rikorrenti kienitx inkludiet it-taxxa ta’ importazzjoni (li kienet qed tintalab ir-rifuzjoni taghha) fil-prezz tal-prodott u d-direttur tal-kumpanija nnifisha xehed bil-gurament li kienet inkluza. Din kienet l-uniku prova li l-Qorti kellha bzonn biex tiddeciedi u din il-prova lahqet saret qabel intemm il-kontro-ezami ta’ Stephen Sullivan.

“4. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

“Ghaldaqstant l-esponenti umilment jitolbu lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha tichad ir-rikors tas-socjeta` rikorrenti bhala wiehed frivolu u vessatorju, bl-ispejjez kontra s-socjeta` rikorrenti.”

## III. <u>Is-sentenza tal-Ewwel Qorti</u>

Rat is-sentenza moghtija mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili (Sede Kostituzzjonali) tas-7 ta' Ottubru 2011 li in forza taghha ddecidiet il-kawza billi :

"… … fl-ewwel lok tichad l-eccezzjonijiet tal-intimati u fit-tieni lok billi tilqa` t-talbiet tas-socjeta' rikorrenti u tiddikjara li z-zewg sentenzi tal-Qorti tal-Appell datati rispettivament 29 ta' Frar 2008 u 5 ta' Marzu 2009 moghtija fil-kawza fl-ismijiet "Practical Trading Company Limited vs Kontrollur tad-Dwana" (Citazz numru 1693/99) jivvjolaw id-drittijiet fondamentali tas-socjeta' rikorrenti ghal smiegh xieraq kif garantit bl-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u bl-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea ghad-Drittijiet tal-Bniedem (Kap 319) u qed jigi dikjarat li l-imsemmija zewg sentenzi huma nulli u bla effett minhabba tali vjolazzjonijiet. Tordna li l-intimat Avukat Generali, li ghandu jigi ritenut resposabbli tal-lezjonijiet in kwestjoni, stante li l-istess lezjonijiet sehhew fil-kors tal-imsemmija proceduri, jhallas lis-socjeta rikorentii s-somma ta' sitt elef u hames mitt euro (€6500) bhala kumpens. Tillibera mill-osservanza tal-gudizzju lil-intimat l-iehor Kontrollur tad-Dwana. Tordna li l-proceduri in kwestjoni jigu rimessi lill-Prim'Awla tal-Qorti Civili sabiex l-istess proceduri jigu decizi wara li jinstemghu l-provi kollha inkluz dawk rigwardanti l-eccezzjoni tal-interess guridiku u dan sabiex jigi zgurat it-twettiq tad-dritt fondamentali tas-socjeta' rikorrenti ghal smigh xieraq.

"Spejjez kollha kontra l-intimat Avukat Generali."

## IV. <u>Il-konsiderazzjonijiet tal-Ewwel Qorti</u>

Il-konsiderazzjonijiet tal-Qorti kienu dawn –

"Fir-rikors promotur taghha s-socjeta' Practical Trading Company Limited taghmel referenza ghas-sentenza tad-29 ta' Ottubru 2002 tal-Prim' Awla tal-Qorti Civili fil-kawza fl-ismijiet "Practical Trading Co. Ltd vs Kontrollur tad-Dwana" (citazzjoni numru 1693/99 JA) li biha gie dikjarat li

l-konvenut Kontrollur tad-Dwana kien responsabbli biex irodd lura lis-socjeta' attrici kull ammont imhallas indebitament fir-rigward tal-partiti ndikati fic-citazzjoni. F'din l-imsemmija sentenza l-Qorti rriteniet dwar l-eccezzjonijiet tal-konvenut (wiehed mill-intimati fil-presenti kawza) rigwardanti n-nuqqas ta' interess guridiku da parti tas-socjeta' attrici li tali eccezzjonijiet kienu rrilevanti ghas-soluzzjoni tal-vertenza. Is-socjeta' rikorrenti tippremetti ukoll li l-istess l-Qorti kienet in effett ipprojbiet lill-partijiet milli jressqu provi fuq il-kwestjoni tal-interess guridiku. L-intimat Kontrollur tad-Dwana kien appella minn din id-decizjoni. B'sentenza tal-Qorti tal-Appell tad-29 ta' Frar 2008 gie ritenut li l-eccezzjoni tan-nuqqas ta' nteress guridiku kif sollevata kienet valida u konsegwentement il-Qorti ta' l-Appell iddecidiet billi laqghet l-appell u billi cahdet it-talbiet tas-socjeta' attrici. Sussegwentement is-socjeta' rikorrenti talbet li sir ritrattazzjoni, liema talba pero' giet respinta b'sentenza tal-5 ta' Marzu 2009.

“Is-socjeta' rikorrenti tissottometti li t-talba taghha ghal refuzjoni ta flus imhallsa ndebitament lill-Kontrollur tad-Dwana giet michuda a bazi tal-eccezzjoni tan-nuqqas ta' nteress guridiku. Kwindi, skond l-istess socjeta' rikorrenti, l-kawza giet deciza fuq kwestjoni li dwarha ma kienux tressqu provi u di piu' l-partijiet kienu gew ipprojbiti mill-Qorti tal-Prim'Istanza milli jaghmlu provi dwar l-istess kwestjoni. Skond is-socjeta' rikorrenti a basi tal-fatti esposti l-Qorti ta' l-Appell ma setghetx takkolji l-appell tal-Kontrollur tad-Dwana a bazi tal-imsemmija eccezzjoni tieghu u dan billi fuq il-kwestjoni de quo l-Ewwel Qorti kienet espressament impediet lill-partijiet milli jressqu provi. Hi s-sottomissjoni tar-rikorrenti li jekk il-Qorti tal-Appell dehrilha li l-kwistjoni tan-nuqqas ta' nteress guridiku kienet rilevanti imissha jew ippermettiet lill-partijiet li jgibu l-provi dwar l-istess kwestjoni jew altrimenti li terga tirreferi l-atti lill-Prim'Awla tal-Qorti Civili biex jigi deciz il-punt dwar l-interess guridiku wara li jinstemghu l-provi u s-sottomissjonijiet tal-partijet.

“Is-socjeta' rikorrenti tissottometti li a bazi tal-premess hi ma nghatatx smiegh xieraq mill-Qorti tal-Appell inkluz fir-ritrattazzjoni peress li l-istess Qorti tal-Appell iddecidiet a

bazi ta' kwestjoni li l-partijiet ma thallewx iressqu provi dwarha u li ukoll dwarha ma jezistu ebda provi fil-process u kwindi l-Qorti tal-Appell ma kellhiex provi fuqhiex tistrieh biex waslet ghal konkluzjoni li waslet ghaliha. Dejjem skond is-socjeta rikorrenti ghalhekk gew vjolati fil-konfront taghha d-drittijiet Kostituzzjonali kif salvagwardati fl-artikolu 39 u d-drittijiet kif stipulati fil-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem fl-artikolu 6(1) tal-Kap.319.

“L-intimati Kontrollur tad-Dwana u Avukat Generali eccipew :-

“1. In-non-ezawriment tar-rimedji ordinarji. Skond l-intimati s-socjetà rikorrenti ma ezawrietx ir-rimedji ordinarji u ghalhekk din il-Qorti ghandha tirrifjuta li tisma u tiddeciedi dan il-kaz skond dak li hemm provdut fil-proviso tas-subartikolu (2) ta' l-artikolu 46 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u fil-proviso tas-subinciz (2) ta' l-artikolu 4 tal-Kap 319.

“2. Ir-rikors hu frivolu u vessatorju. L-intimati, f'dan ir-rigward jissottomettu li r-rikors hu wiehed frivolu u vessatorju stante li hu appell mid-decizjonijiet gia indikati tal-Qorti tal-Appell. Skond l-intimati s-socjeta' rikorrenti, bil-presenti kawza qed tittanta tvarja d-decizjonijiet tal-istess Qorti tal-Appell inkluz fir-ritrattazzjoni. Din il-Qorti mhux Qorti ta' revizjoni u ghandha biss tiddeciedi jekk fil-procediment in kwestjoni gewx miksura d-drittijiet fundamentali tas-socjeta' rikorrenti.

“3. Ma hemm ebda ksur ta' l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u ta' l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja. Skond l-intimati dawn l-artikoli jirrigwardaw id-dritt ghal smigh xieraq, liema dritt ghandu jigu assigurat matul il-procediment tal-kawza fl-assjem u fit-totalita' taghha u ma jistax ikun hemm analizi biss ta' punt partikolari tal-procedura. F'dan ir-rigward, dejjem skond l-intimati, mhux minnu li l-partijiet gew ipprojbiti mill-Qorti ta' prim'istanza milli jressqu prova fuq l-eccezzjoni ta' nuqqas ta' interess guridiku. Inoltre s-socjeta' rikorrenti kellha l-opportunita' li tressaq il-provi taghha dwar din il-kwestjoni izda l-istess socjeta' rikorrenti naqset li titlob biex tressaq dawn l-istess

provi. Is-socjeta' rikorrenti ma appellatx meta wahda mill-partijiet twaqqfet milli ggib provi dwar l-eccezjoni in kwestjoni. Skond l-intimati s-socjeta' rikorrenti kellha l-opportunita' li tirrispondi u titratta dwar l-aggravju koncernanti l-istess eccezzjoni imressaq mill-Kontrollur tad-Dwana. Kwindi skond l-intimati l-fatt li s-socjeta' rikorrenti ma ressqitx provi dwar l-eccezzjoni kien konsegwenza biss ta' decizjoni taghha. Inoltre s-socjeta' rikorrenti ma lmentatx dwar dan l-allegat nuqqas fir-rikors u fil-proceduri tar-ritrattazzjoni. Inoltre jirrizulta mill-istess ragunament tal-Qorti tal-Appell fiz-zewg decizjonijiet taghha li, effettivament, l-istess Qorti kellha a disposizzjoni taghha provi bizzejjed biex tasal ghad-decizjonijiet taghha. Skond l-intimati l-prova li kienet essezjali ghar-risoluzzjoni tal-eccezzjoni in kwestjoni in effett sarret u din kienet jekk is-socjeta' rikorrenti kienitx inkludiet it-taxxa in kwestjoni fil-prezz li bih bieghat l-oggetti in kwestjoni. Direttur tas-socjeta' rikorrenti effettivament ikkonferma li din it-taxxa giet inkluza fil-prezz.

"Ghandu jinghad, dwar l-ewwel eccezzjoni tal-intimati rigwardanti n-non ezawriment tar-rimedji ordinarji da parti tas-socjeta' rikorrenti, li gie diversi drabi deciz li tali rimedji alternattivi ghandhom ikunu aċċessibbli, xierqa, effettivi u adegwati biex jindirizzaw il-ksur lamentat. (Vide " Marco Putzulu Caruana vs. Avukat Ġenerali" - Prim'Awla tal-Qorti Civili (Ġurisdizzjoni Kostituzzjonali) - 2 ta' Dicembru 2010). Inoltre hu l-obbligu tal-intimati li jipprovaw li kien hemm a disposizzjoni tas-socjeta' rikorrenti rimedji ohra alternattivi li kienu xierqa. Ghandu jigi rilevat li, skond il-ligi, pero' anke jekk l-intimati jippruvaw li kien hemm tali rimedju alternattiv, il-Qorti xorta wahda tista taghzel li tisma u tiddeciedi l-kawza.

"Fil-kaz in esami l-intimati naqsu li jipprovaw li kien hemm rimedju alternattiv u di piu' naqsu li jindikaw liema huma r-rimedji ordinarji li s-socjeta rikorrenti ma ghamlitx qabel ippresentat il-presenti kawza. In effett, in relazzjoni ma` eccezzjoni ohra, l-intimati jsemmu li s-socjeta' rikorrenti naqset li tappella mill-ordni tal-Qorti ta' prim'istanza fis-sens li l-partijiet ma kellhomx igibu provi dwar l-eccezzjoni tan-nuqqas ta' interess guridiku. L-imsemmija Qorti ta'

prim'istanza ma tatx tali ordni formalment u f'dan ir-rigward ma kien hemm ebda dikriet jew sentenza. Konsegwentement hu dubjuz kemm is-socjeta' rikorrenti setghet skond il-ligi tappella. Inoltre jirrizulta li tali ordni nghatat waqt li kien qed isir ezami ta' xhud minn naha tal-konvenut f'dik il-kawza u kwindi tali ordni ma kienitx tirrigwarda direttament s-socjeta' rikorrenti. Hu minnu li l-ordni kienet teffettwa lill-partijiet kollha fil-kawza izda fil-hin li nghatat l-istess ordni din kienet qed teffettwa l-aktar lill-parti l-ohra. Jirrizulta sufficjentement li l-Ewwel Qorti pprojbiet lill-partijiet milli jgibu provi dwar l-eccezzjoni in kwestjoni (fol.147).

"In effett jirrizulta li l-Qorti ipprojbit, b'mod mhux formali, lill-konvenut Kontrollur tad-Dwana milli ikompli jaghmel domandi fuq linja ta' provi li kienet tirrigwarda l-eccezzjoni tal-interess guridiku. Din l-ordni kienet teffettwa lis-socjeta' rikorrenti peress li b'tali ordni wiehed seta' jifhem li l-kwestjoni tal-interess guridiku ma kienitx wahda importanti u rilevanti. Ir-ritrattazzjoni lanqas ma tista titqies bħala rimedju alternattiv xieraq. Ir-ritrattazzjoni tista tintalab biss f'certi cirkostanzi li huma limitati bil-ligi u biss fuq ir-ragunijiet stipulati ukoll fil-ligi. In effett is-socjeta' rikorrenti ma kellha ebda rimedju għajr li tirrikorri quddiem din il-Qorti sabiex jigi esaminat jekk fil-fatt ġiex miksur id-dritt tas-socjeta' rikorrenti għal smigħ xieraq.

"Li ghandu jigi eżaminat huwa jekk l-imsemmija ordni informali tal-Qorti biex ma jingiebux provi dwar l-eccezzjoni tal-interess guridiku wasslitx ghall-lezjoni tad-dritt fundamentali tas-socjeta' rikorrenti ghal smigh xieraq stante li sussegwentement inghataw sentenzi fl-appell ibbazati fuq l-istess eccezzjoni u in partikolari fuq l-accettazzjoni tal-istess eccezzjoni. F'dan ir-rigward ghandu jigi ukoll enfasizzat li ma kienx hemm provi fil-process dwar l-istess eccezzjoni.

"L-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni huwa rilevanti għall-proċeduri ċivili biss fis-subartikolu (2) tieghu. Dan is-sub-artikolu jipprovdi li qorti jew awtorità oħra ġudikanti li ser tiddecidi dwar l-eżistenza jew l-estensjoni ta' drittijiet jew obbligi ċivili għandha tkun indipendenti u imparzjali u

għandu jinghata lill-kaz smigħ xieraq fi żmien raġonevoli. L-Artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropea kif applikata ghall-liġi Maltija bil-Kap.319 jipprovdi ukoll li fid-deċiżjoni tad-drittijiet ċivili u ta' l-obbligi tiegħu kulħadd huwa ntitolat għal smigħ imparzjali u pubbliku fi żmien raġonevoli minn tribunal indipendenti u imparzjali mwaqqaf b'liġi.

"Fil-kaz in esami hu ghalhekk rilevanti li jiġi stabbilit jekk, meta jkun hemm allegazzjoni li parti fil-kawza, jew ahjar li l-partijiet, gew imwaqqfa milli jressqu provi dwar eccezzjoni partikolari u sussegwentement il-kawza tigi deciza b'mod finali fuq l-istess eccezzjoni, jammontax għal ċaħda tal-jedd tas-smigh xieraq kif protett bl-imsemmija artikoli. Is-socjeta' rikorrenti ghamlet referenza ghal sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali fil-kawza fl-ismijiet "Peter Montebello vs. L-Avukat Ġenerali et" deciza fil-31 ta' Jannar 2011. Skond is-socjeta' rikorrenti c-cirkostanzi f'din l-ahhar kawza huma simili ghac-cirkostanzi prevalenti fil-presenti kawza. Fil-kawza ta' Montebello ir-rikorrenti talab dikjarazzjoni li ġie miksur id-dritt fondamentali tiegħu kif protett bl-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea u bl-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni peress li huwa kellu provi fil-mertu u kwindi talab li jikkontesta l-istess mertu, iżda l-Qorti ma qisitx din l-eċċezzjoni tiegħu. F'dak il-każ ukoll ġew imressqa provi biex jintwera illi fil-fatt kien hemm provi li bihom ir-rikorrent seta' jikkontesta l-mertu. Il-Qorti pero' kienet illimitat li tippronunzja ruhha dwar il-preskrizzjoni, u kwindi ma kienux tressqu provi dwar il-meritu. Minghajr ma kkonsidrat il-mertu, l-Ewwel Qorti ddikjarat li l-eċċezzjoni dwar il-preskrizzjoni kellha tiġi miċħuda u konsegwentement laqgħet it-talba.

"Il-Qorti Kostituzzjonali ddikjarat li kienet konvinta illi fl-istadju meta kienu għalqu l-provi dwar il-preskrizzjoni u wara li giet ittrattata l-istess eccezzjoni, kien hemm l-intendiment illi s-sentenza kienet se tinghata unikament fuq il-preskrizzjoni, u li "ċertament l-appellant kellu kull dritt ikollu l-aspettativa li s-sentenza li kellha tingħata f'dak l-istadju tingħata fuq il-punt li unikament dwaru saru l-provi minn meta ġiet sollevata l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni." Meta tali aspettattiva ma titwettaqx u l-partijiet li jkunu qed jistennew li s-sentenza tkun limitata għal preskrizzjoni izda

jiġu kunsidrati eċċezzjonijiet oħra l-partijiet ikollhom raġun jilmentaw li ġie leż id-dritt ta' smigħ xieraq. Fil-kliem tal-imsemmija Qorti - "dan hu li ġara f'dan il-każ u dan jimmina l-proċess ġudizzjarju u jinfiċċjah bħala mhux xieraq."

"Hu minnu li l-presenti kawza hi simili ħafna ghall-kaz citat. Fil-verita', meta l-partijiet ġew imwaqqfin milli jkompli jressqu provi dwar il-punt ta' l-interess ġuridiku s-socjeta' rikorrenti kellha ragun tistenna u tippretendi li mhux se tittieħed deċiżjoni dwar l-istess eccezzjoni. Meta sussegwentement is-socjeta' rikorrenti sabet ruhha nfaċċjata b'sentenza proprju bbazata fuq il-punt li dwaru ma kellix l-opportunita' u saħansirta ġie mwaqqfa milli tressaq il-provi, għandha raġun is-socjeta' rikorrenti li tilmenta dwar ksur tad-dritt fundamentali taghha ta' smigħ xieraq kif imħares mill-Kostituzzjoni u mill-Konvenzjoni.

"In vista tal-premess ghandu jigi ddikjarat li s-sentenzi in kwestjoni moghtija mill-Qorti tal-Appell jivvjolaw id-drittijiet fundamentali tas-socjeta' rikorrenti ghal smigh xieraq. Bhala rimedju l-imsemmija sentenzi ghandhom jitqiesu u jigu dikjarati li huma nulli u inoltre ghandu jinghata kumpens fil-forma ta' hlas ta' ammont li qed jigi likwidat "arbitrio boni viri" minn din il-Qorti fis-somma ta sitt elef u hames mitt euro (€6500). Dan l-imsemmi ammont ghandu jithallas lis-socjeta' rikorrenti mill-intimat Avukat Generali. L-intimat Kontrollur tad-Dwana hu estraneu ghal dak li wassal ghall-lezjoni in kwestjoni u ghalhekk l-istess intimat Kontrollu tad-Dwana ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju. Il-lezjoni in kwestjoni sehhet fil-kors tal-imsemmija proceduri u kwindi hu l-intimat Avukat Generali li ghandu jitqies responsabbli ghall-istess lezjoni. Il-proceduri in kwestjoni ghandhom jissoktaw quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Civili sabiex il-kawza terga tigi deciza wara li jinstemghu l-provi kollha inkluz provi dwar l-eccezzjoni tal-interess guridiku."

## V. <u>Ir-rikors tal-appell</u>

Rat ir-rikors tal-appell tal-Avukat Generali fejn ghar-ragunijiet hemm indikati talab lil din il-Qorti biex :

"… … tirriforma s-sentenza tal-Onorabbli Qorti Civili Prim' Awla (Gurisdizzjoni Kostituzzjonali) fl-ismijiet **Practical Trading Company Limited (C12898) v. Il-Kontrollur tad-Dwana u l-Avukat Generali** Rikors Nru 6/2010 GC moghtija fis-7 ta' Ottubru 2011, billi :

"(i) Tikkonfermaha f'dik il-parti fejn helset mill-osservanza tal-gudizzju lill-Kontrollur tad-Dwana ; u

"(ii) Thassarha, tirrevokaha u tannullaha fil-bqija fejn laqghet it-talbiet tas-socjeta` appellata kontra l-Avukat Generali u minflok tichad l-istess talbiet.

"Bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-istess socjeta` appellata."

## VI. <u>Ir-risposta u l-appell incidentali</u>

Rat ir-risposta u l-appell incidentali tas-socjeta` appellata Practical Trading Limited fejn, ghar-ragunijiet moghtija, talbet :

"… … … … … illi din l-Onorabbli Qorti tal-Appell joghgobha ghar-ragunijiet premessi tirriforma s-sentenza tal-Onorabbli Qorti Civili Prim Awla (Gurisdizzjoni Kostituzzjonali) fl-ismijiet Practical Trading Company Limited (C12898) vs Il-Kontrollur tad-Dwana u l-Avukat Generali, rikors numru 6/2010 GC moghtija fis-7 ta' Ottubru 2011 billi :

"1. Thassarha f'dik il-parti fejn ordnat li l-atti jigu rimessi lill-Prim Awla tal-Qorti Civili ;

"2. Tikkonferma fil-kumplament l-istess sentenza moghtija fis-7 ta' Ottubru 2011 ;

"3. Konsegwentement tikkonferma li s-sentenzi kollha moghtija mill-Prim Awla tal-Qorti Civili datati 2 ta' Ottubru 2000, 29 ta' Ottubru 2002 u 30 ta' Gunju 2005 illum ghaddew kollha in gudikat u kwindi ma humiex aktar sindakabbli legalment b'xi proceduri gudizzjarji ulterjuri.

"Bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-appellant."

## VII. **<u>Konsiderazzjonijiet ta` din il-Qorti</u>**

L-aggravji tal-appellant huma li :

(a) l-Ewwel Qorti kienet legalment u fattwalment zbaljata fuq zewg konsiderazzjonijiet :

(i) kemm meta ddecidiet li s-socjeta` appellata giet imcahhda mid-dritt taghha ta' smiegh xieraq ghaliex ma kellhiex ragun tistenna u tippretendi li sejra tinghata decizjoni fuq l-interess guridiku taghha ; u

(ii) meta qieset illi s-socjeta` appellata ma kenitx inghatat l-opportunita` li tressaq provi dwar l-interess guridiku ;

(b) li l-kumpens moghti ma kienx fi kwalunkwe kaz ir-rimedju adegwat ;

(c) li r-remedju ma kienx li l-kawzi jergghu jintbaghtu quddiem il-Prim' Awla ladarba l-Ewwel Qorti hassret iz-zewg sentenzi tal-Qorti tal-Appell tad-29 ta' Frar 2008 u 5 ta' Marzu 2009 biss.

Hemm ukoll l-appell incidentali tas-socjeta` appellata fis-sens li d-decizjoni ghandha tigi riformata fis-sens li l-atti ma kellhomx jintbaghtu quddiem il-Prim' Awla tal-Qorti Civili izda kellhom jigu kkonfermati s-sentenzi tal-Prim' Awla tal-Qorti Civili tat-2 ta' Ottubru 2000, 29 ta' Ottubru 2002 u 30 ta' Gunju 2005 ghax ghaddew in gudikat.

**a) L-ewwel aggravju**

**Din il-Qorti sejra tqis il-fondatezza o meno tal-ewwel aggravju ghaliex jekk issib li huwa ben fondat, allura ma jkunx hemm il-htiega li tghaddi ghall-konsiderazzjoni tal-aggravji l-ohra u tal-appell incidentali. Sabiex isir dan, din il-Qorti sejra tezamina l-iter kollu tal-kawza fil-kompetenza ordinarja taghha fl-ewwel u fit-tieni istanza.**

Fis-sentenza taghha tat-30 ta` Mejju 2002 fil-kawza "**Aquilina vs l-Avukat Generali et**", il-Prim`Awla tal-Qorti Civili (Gurisdizzjoni Kostituzzjonali) (**PA – GV**) qalet hekk –

*Biex wiehed japprezza jekk proceduri humiex xierqa jew le, wiehed m'ghandux ihares biss lejn xi nuqqasijiet procedurali li jokkorru imma jekk, fl-assjem taghhom, il-proceduri kienux jew le kondotti b'gustizzja fis-sostanza u fl-apparenza.*

Fil-pag.65 ta` ***A Practitioner`s Guide to the European Convention on Human Rights*** *(Third Edition),* Karen Reid tghid illi *the key principle governing Art.6 guarantees is fairness … of the proceedings as a whole.*

Fl-istess sens, fil-ktieb ***Article 6 of the European Convention on Human Rights – The Right To a Fair Trial***, Andrew Grotrian ighid –

*The requirement of fairness covers the proceedings as a whole, and not only those in an oral hearing. The question of whether a person has had a 'fair hearing' is thus approached by looking at the whole proceedings, although a particular incident may have a decisive effect.*

U jkompli hekk –

*The most established right added to Article 6 (1) is the principle of the* ***equality of arms****. This is important to understand the operation of the underlying principle of 'fairness' and although it is not explicitly expressed in Article 6(1) it is necessarily implied. This concept comprises the idea that each party should have an equal opportunity to present his case and that neither party should enjoy any substantial advantage over his opponent. This concept of equality of arms was first mentioned in the* ***Neumaister case*** *(27/6/1968) and has been a feature of Article 6 (1) ever since. The Commission has expressed the principle in respect of both criminal and non-criminal cases. And in the context of civil cases between private parties, the Court has said : "The court agrees with the Commission that as regards litigation involving opposing private interests, equality of arms implies that each party must be afforded a reasonable opportunity to present his case – including his evidence – under conditions that do not place him at a substantial disadvantage vis a vis his opponent." (****"Dombo Beheer BV vs The Netherlands"****, 27 ta' Ottubru 1993)".*

Fil-ktieb ***"Law of the European Convention on Human Rights" (Second Edition)*** Harris, O`Boyle & Warbrick ighidu hekk fil-pag 251 –

… *The right to a fair hearing supposes compliance with the principle of equality of arms. This principle, which applies to civil as well as criminal proceedings requires each party to be given a reasonable opportunity to present his case under conditions that do not place him at a substantial disadvantage vis-à-vis his opponent. In general terms, the principle incorporates the idea of a fair balance between the parties*. (Pg.251)

Fil-pag.578 ta` ***Theory and Practice of the European Convention on Human Rights*** L-awturi **Van Dijk, Van Hoof, Van Rijn, Leo Zwaak** fil-ktieb **"" - Fourth Edition – Intersentia – 2006** jaghmlu din l-analizi -

*When is a hearing fair ?  In the Kraska case* (sentenza tad-19 ta` April 1993) *the Court took as a starting-point that the purpose of Article 6 is inter alia "to place the tribunal under a duty to conduct a proper examination of the submissions, arguments and evidence adduced by the parties, without prejudice to its assessments of whether they are relevant to its decision.*

Fis-sentenza taghha tat-30 ta` Settembru 2011 fil-kawza "**J.E.M. Investments Limited vs Avukat Generali et**", din il-Qorti (diversament komposta) qalet hekk –

***…  id-dritt ghas-smigh xieraq ma jiggarantix il-korrettezza tas-sentenzi fil-meritu izda jiggarantixxi biss l-aderenza ma' certi principji procedurali (indipendenza u imparzjalita` tal-Qorti u tal-gudikant, audi alteram partem u smigh u pronuncjament tas-sentenza fil-pubbliku) li huma konducenti ghall-amministrazzjoni tajba tal-gustizzja. Il-funzjoni tal-Qorti, fil-gurisdizzjoni Kostituzzjonali taghha, m'hijiex illi tirrevedi s-sentenzi ta' Qrati ohra biex tghid jekk dawn gewx decizi 'sewwa' jew le, izda hija limitata ghall-funzjoni li tara jekk dawk is-sentenzi kisrux il-Kostituzzjoni jew il-Konvenzjoni Ewropea.*** (enfasi ta` din il-Qorti)

Mill-atti processwali jirrizulta li fir-raba` eccezzjoni tieghu, il-Kontrollur tad-Dwana kien eccepixxa li s-socjeta` appellata ma kellha l-ebda interess guridiku fit-talbiet taghha ghaliex kienet diga` thallset lura d-dazju u l-*levy* li hallset fuq il-prodotti importati (fol. 13).

L-ewwel sentenza illi nghatat mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili kienet dik tat-2 ta` Ottubru 2000 (fol 37 sa fol

47) fejn kienet michuda l-ewwel eccezzjoni tal-Kontrollur tad-Dwana li kien eccepixxa li l-azzjoni attrici kienet perenta a tenur tal-Art 469A tal-Kap 12.

Meta tkompliet il-kawza dwar il-mertu u l-eccezzjonijiet l-ohra li kien fadal skont verbal datat 8 ta' Marzu 2001 (fol. 101) is-socjeta` attrici ddikjarat li ma kellhiex provi aktar wara li kien xehed Stephen Sullivan bhala *manager* tas-socjeta` attrici u l-persuna li kienet timla d-dokumenti bit-tariffi tad-dwana. Jirrizulta li ma sarux domandi fir-rigward tal-fatt li s-socjeta` attrici kinitx jew le thallset lura d-dazju meta bieghet il-prodotti anke peress li jirrizulta pacifiku li tali prodotti kienu gew mibjugha mis-socjeta` attrici lill-pubbliku. Il-kontroezami tax-xhud sar fit-8 ta' Novembru 2001 (fol. 138 sa fol. 153) u hija dik ix-xiehda li hija citata l-aktar mill-partijiet. Waqt il-kontroezami, jidher li l-Qorti kif hemm presjeduta kull ma ghamlet effettivament kien li waqfet lill-avukat tal-konvenut milli taghmel domandi dwar il-fatt li l-appellata kienet thallset lura d-dazju meta bieghet il-prodotti – fil-fatt ix-xhud jikkonferma li din kienet ingabret lura. Ghad-domanda – *Issa, meta bighhejtu l-prodotti intom fil-prezz inkludejtuha din it-taxxa li hallastu ?* it-twegiba kienet – *Ovvja. Pero` ahna konna iktar gholjin mill-kompetituri taghna, sewwa ? Jigifieri t-"targets" taghna ma lhaqnihomx. Il-"marketing expenditure" taghna "we were exposed to"* (fol 147). Dwar dan, fl-istadju tal-provi taghha, is-socjeta` attrici ma semmiet xejn qabel.

Il-Kontrollur tad-Dwana ghalaq il-provi fit-8 ta' Gunju 2002 (fol. 201) u l-partijiet inghataw l-opportunita` li jipprezentaw nota ta' osservazzjonijiet. Is-socjeta` attrici pprezentat taghha fit-3 ta' Settembru 2002 (fol. 202) fejn jidher li l-azzjoni attrici kienet ippernjata fuq l-istitut ta' hlas indebitu (Art. 1021 u Art. 1022 tal-Kap. 16**)**. Wahda mill-konsiderazzjonijiet li ghamlet is-socjeta` attrici kienet proprju dwar ir-raba' eccezzjoni ta' allegata nuqqas ta' interess guridiku (fol. 207) u trattat l-istess u fl-ebda mument, la verbalment u lanqas bil-miktub ma qajmet il-punt li hija kellha xi provi ohra xi tressaq dwar dik il-

kwistjoni, iktar u iktar meta hija kienet ilha li ghalqet il-provi taghha. Mhux hekk biss izda ma jidhirx li kien hemm xi ostakolu u wisq inqas divjet li l-istess socjeta` attrici tressaq xi provi dwar dak il-punt.

Jirrizulta mill-istess nota tas-socjeta` attrici li hija trattat tali eccezzjoni ghaliex stenniet li fuq il-provi li kien hemm tali eccezzjoni kienet ser tigi deciza, kif fil-fatt sehh. Dan sar korrettament mis-socjeta` attrici f'dik il-kawza ghaliex l-eccezzjoni inkwistjoni kienet diga` giet sollevata u qatt ma giet irtirata. Fil-fatt, fin-nota ta' sottomissjonijiet tas-socjeta` appellata u ezattament f'paragrafu numru hamsa (5) taghmel l-argument taghha r-raba' eccezzjoni – jigifieri dik dwar l-interess guridiku (fol. 207). Ma kienet prezentata l-ebda nota responsiva.

B`sentenza tal-Prim' Awla tal-Qorti Civili tad-29 ta' Ottubru 2002 (fol. 212) kienu gew michuda t-tieni, it-tielet, ir-raba' u l-hames eccezzjoni tal-Kontrollur tad-Dwana u kien dikjarat responsabbli sabiex irodd lura lis-socjeta` appellata kull ammont imhallas indebitament. In partikolari dik il-Qorti qieset *illi r-raba` u l-hames eccezzjonijiet sollevati mill-konvenut huma ghal kollox irrilevanti ghas-soluzzjoni tal-vertenza sotto ezami.* Kompliet tghid hekk – *Il-ligi trid li min ircieva hlas indebitament jirrestitwixxi dak l-ammont hekk percepit. L-artikoli relevanti ma jaghmlu ebda eccezzjoni jew konsiderazzjonijiet ohra, hlief fil-kaz ta` meta l-kreditur in buona fede jilaq minn idejh il-prova jew il-garanzija ta` dak il-kreditu. Dan mhux il-kaz billi jirrizulta li fil-kaz sotto ezami "kreditur" qatt ma kien hemm jew seta` kien hemm ghall-ammont indebitament imhallas mill-attur* (ara fol 219). Kwindi ghal dik il-Qorti dak rilevanti kien biss li min ircieva ammont indebitament ghandu jirrestitwixxi l-istess ammont u allura qieset li kien irrelevanti jekk persuna tkunx giet rimborsata fl-istess ammont minn fonti ohra. Il-kawza thalliet ghall-kontinwazzjoni dwar it-tieni u t-tielet talba attrici.

Sar appell mill-Kontrollur tad-Dwana fit-18 ta' Novembru 2002 (fol. 222). Wiehed mill-aggravji tieghu kien proprju dwar l-interess guridiku. Il-Kontrollur tad-Dwana ghamel riferenza ghall-Art. 20A tal-Att dwar id-Dazji tal-Importazzjoni li jghid illi *"jekk dazju ikun imhallas skond dikjarazzjoni maghmlu lill-Kontrollur mill-importatur, dak id-dazju ghandu jitqies illi gie imhallas korrettement u ma jkunx rifondibbli".* Semma wkoll l-Art. 20A (3) fis-sens li ebda persuna ma ghandha jkollha jew ghandha titqies li qatt kellha dritt li titlob ir-rifuzjoni ta' dazju mhallas zejjed meta hija tkun diga` gabret dak id-dazju meta bieghet il-prodott lil haddiehor. Li hekk kien sehh kien ammess minn Stephen Sullivan fis-seduta tat-28 ta' Novembru 2001. Ghalhekk il-Kontrollur tad-Dwana talab lill-Qorti tal-Appell sabiex tilqa' l-eccezzjonijiet tieghu nkluza r-raba' eccezzjoni.

Fir-risposta taghha, is-socjeta` appellata wiegbet ghall-aggravji u gabet l-argumenti taghha fosthom sostniet illi l-Art. 20A ma kienx japplika ghal kaz in ezami ghaliex dak l-artikolu kien introdott biss bl-Att XII ta' 2001 meta l-kaz odjern kien sehh bejn is-sena 1996 u 1998 (fol. 230). Anzi jidher li fir-risposta, is-socjeta` appellata ghamlet riferenza ghall-provi fuq dan il-punt meta qalet li *"l-appellant naqas milli jsemmi wkoll li mill-provi li tressqu quddiem l-Ewwel Qorti rrizulta bl-iktar mod cjar li l-esponenti sofriet telf meta giet biex tbiegh il-prodotti fuq is-suq, u dan peress li l-prodott ma kienx kompettitiv meta mqabbel ma' prodotti ta' l-istess tip u kif ikkonferma Stephen Sullivan, "it-targets taghna ma lhaqnihomx". Dan peress li l-kuntrarjament ghall-kompetituri taghha, l-esponenti hallset dazju iktar milli suppost. Dan apparti l-fatt li fl-atti ma hemmx prova li l-merkanzija nbieghet kollha"* (fol. 231).

L-appell kien cedut fid-19 ta' Frar 2002 bir-rizerva li jkun jista` jsir appell wara s-sentenza definittiva (fol. 238).

L-atti kien rimandati lill-Ewwel Qorti li b'sentenza taghha tat-30 ta' Gunju 2005 (fol. 48) ikkundannat lill-Kontrollur tad-Dwana sabiex ihallas lis-socjeta` appellata is-somma ta` tlieta u tletin elf sitt mija u erba` liri ghoxrin centezmu (Lm 33,604.20) bl-imghaxijiet legali mid-data tas-sentenza flimkien mal-ispejjez tal-kawza.

Il-Kontrollur tad-Dwana appella fid-19 ta' Lulju 2005 mit-tliet sentenzi li kienu nghataw mill-Prim`Awla tal-Qorti Civili fil-kors tal-prodediment (fol. 2), fejn gie interpost appell mit-tliet sentenzi li l-Prim' Awla tat matul dawk il-proceduri u cioe` dawk tat-2 ta` Ottubru 2000, tad-29 ta` Ottubru 2002 u tat-30 ta` Gunju 2005.

A fol 11 tar-rikors, fil-kuntest tal-hames aggravju tieghu ntitolat *Il-hlas indebitu*, il-Kontrollur tad-Dwana jirreferi a fol 12 ghan-*nuqqas ta` interess guridiku* u jghid hekk – *Illi ladarba rrizulta li l-ammont li tieghu qed tintalab rifuzjoni diga` ngabar mill-istess spcjeta` li llum qed titolbu lura, allura dan ifisser li l-istess socjeta` m`ghandhiex interess guridiku f`din il-kawza. Lanqas kellha dan l-interess mehtieg meta hi bdiet il-kawza, ladarba f`dak l-istadju kienet diga` gabret l-ammont mitluba lura minghand il-konsumatur.*

Fir-risposta tal-appell taghha tat-18 ta` Awissu 2005, precizament fil-*kummenti dwar il-hames aggravju,* is-socjeta` appellata ma taghmel l-ebda riferenza ghan-nuqqas ta` interess guridiku (ara fol 26 sa fol 29).

L-appell kien trattat fl-udjenza tat-30 ta` Novembru 2007 (ara fol 34).

Fis-sentenza taghha tad-29 ta` Frar 2008 (ara fol 37 sa fol 53), il-Qorti tal-Appell ittrattat l-eccezzjoni ta' nuqqas ta' interess guridiku. Rat dak li jipprovdi l-Art. 20A(3) u rat il-gurisprudenza dwar l-interess guridiku, billi ghamlet

riferenza ghad-decizjonijiet "**Carmelo Ellul sive Charles Ellul Sullivan nomine v. Il-Kontrollur tad-Dwana"** (A.C. – 9 ta' Gunju 2005) u "**Paolo Bonnici Ltd. v. Kontrollur tad-Dwana"** (P.A. (RCP) – 2 ta' Ottubru 2001). U rrimarkat illi –

*"Din il-Qorti fid-dawl tas-suespost ma taqbilx ma` dan ir-ragunament ta' l-ewwel qorti u fil-fehma taghha l-eccezzjoni tan-nuqqas ta' interess guridiku kienet wahda valida li l-ewwel qorti irrespingiet erronjement."*

U ghaddiet ghad-decide –

*Tilqa` l-appell tal-Kontrollur tad-Dwana fil-konfront tat-tielet sentenza tal-Prim`Awla tal-Qorti Civili tat-30 ta` Gunju 2005 u ghalhekk filwaqt li tikkonferma l-ewwel sentenza moghtija fid-19 ta` Jannar 2000, qeghda tirrevoka kemm id-decizjoni moghtija fid-29 ta` Ottubru 2005, kif ukoll dik finali tat-30 ta` Gunju 2005, u dan ghalhekk li qeghda minflok tichad it-talbiet tas-socjeta` attrici kif dedotti.*

Fit-22 ta' Mejju 2008 (fol. 71) is-socjeta` appellata bdiet procedura ta` ritrattazzjoni tal-kawza skond l-Art 811(e) tal-Kap 12 ghax sostniet illi fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell tad-29 ta` Frar 2008 kien hemm applikazzjoni hazina tal-ligi. Ir-ritrattazzjoni kienet tolqot il-kwistjoni tal-interess guridiku kif jidher mill-konsiderazzjoni li ghamlet l-appellata fit-talba ghar-ritrattazzjoni bbazat fuq l-applikazzjoni tal-**Att XII tas-sena 2001** li skont ir-ritrattandi ma kellux japplika ghal kaz in ezami u kellu jigi applikat l-**Artikolu 236 (1) tal-Kodici tad-Dwana – Regulation EEC No. 2913/92 tat-12 ta' Ottubru 1992.**

Fis-sentenza taghha tal-5 ta' Marzu 2009 (fol. 93) il-Qorti tal-Appell sabet li l-kawza ma kenitx deciza fuq l-**Artikolu 20A tal-Kap. 337** izda fuq il-kuncett ta' nuqqas ta' interess guridiku kif indikat fil-gurisprudenza citata mill-istess Qorti u b'hekk kien hemm applikazzjoni tal-principju

generali ta’ htiega ta’ interess guridiku bhala element tad-dritt ta’ azzjoni u dan fil-kuntest ta’ kawza dwar *indebiti solutio.* Kwindi ma kienx hemm applikazzjoni hazina ta’ ligi skont id-dispozizzjonijiet tal-**Artikolu 811 (e) tal-Kap. 12.**

Mill-assjem tal-premess, jirrizulta bl-aktar mod car u inekwivoku illi l-eccezzjoni dwar l-interess guridiku tas-socjeta` appellata, li kienet ir-raba` eccezzjoni tal-Kontrollur tad-Dwana, kienet eccepita mill-bidu nett u kienet deciza wkoll fis-sentenza tal-Prim`Awla tal-Qorti Civili tad-29 ta` Ottubru 2002 wara li ghamlet il-konsiderazzjonijiet taghha, li diga` saret riferenza ghalihom. Meta l-Kontrollur tad-Dwana mbaghad appella, il-Kontrollur tad-Dwana appella wkoll dwar il-fatt illi l-Prim` Awla tal-Qorti Civili kienet cahdet dik ir-raba` eccezzjoni. Il-Qorti tal-Appell ghamlet il-konsiderazzjonijiet taghha u laqghet dik ir-raba` eccezzjoni.

Is-socjeta` appellata dejjem kienet konxja ta’ dik l-eccezzjoni ; mhux hekk biss izda tatha konsiderazzjoni fin-nota ta’ sottomissjonijiet taghha quddiem il-Prim’ Awla tal-Qorti Civili.

L-argument li gabet is-socjeta` appellata biex tghid illi safa` vvjolat id-dritt taghha ghal smigh xieraq kien illi li ma thallietx tressaq il-provi taghha dwar ir-raba` eccezzjoni u cioe` l-allegat nuqqas ta` interess guridiku taghha. Din il-Qorti tghid illi din hija allegazzjoni li assolutament ma tirrizultax mill-atti processwali. Anzi jirrizulta mill-atti tal-istess kawza fl-istadji kollha taghha, li kull parti kellha kull opportunita` li tressaq il-provi li riedet u taghmel dawk is-sottomissjonijiet kollha li hasset li kellha taghmel. Ghal din il-Qorti huwa car it-tentattiv tas-socjeta` appellata li tipprova tiftah mill-gdid l-istadju ta’ provi u t-tenattiv taghha li tmur ghal *terzo grado di appello* li mhuwiex permess fis-sistema guridiku taghna. Fil-procediment kollu quddiem il-qrati ordinarji, is-socjeta` appellata qatt ma lmentat li ma kenitx ghalqet il-provi

taghha, jew illi kienet mizmuma jew impeduta milli tressaq il-provi taghha fuq dik l-eccezzjoni, li qatt ma giet irtirata. Fil-verita` minn ezami akkurat tal-process, jirrizulta bl-aktar limpidu li s-socjeta` appellata qatt ma kienet impeduta milli tressaq il-provi taghha fl-ebda stadju.

Din il-Qorti tqis il-pretensjoni tas-socjeta` appellata li kien ivvjolat id-dritt taghha ghal smigh xieraq bhala abbuz tal-procediment kostituzzjonali.

Ghal din il-Qorti huwa evidenti t-tentattiv tas-socjeta` appellata li tinqeda bil-procediment kostituzzjonali biex tittenta appell mid-decizjonijiet tal-qrati ordinarji meta mhuwiex dak l-iskop tal-procediment kostituzzjonali (ara – "**J.E.M Investments Limited v. Avukat Generali et**" (op. cit.) Irrizulta illi quddiem il-qorti ordinarja, kellha kull opportunita` li tressaq il-provi taghha skont il-ligi. Issa quddiem din il-Qorti ma tistax tavvanza l-pretensjoni nfondata li fil-konfront taghha kien kommess ksur tad-dritt taghha ghal smigh xieraq.

Din il-Qorti ma ghandhiex tigi uzata sabiex hija terga' tidhol u tara jekk il-kaz giex deciz sew mill-qrati ordinarji, ghaliex jekk tkun tentata taghmel hekk, meta ma hemmx bazi ta` ksur tal-jedd ghal smigh xieraq, tkun propju hi li tikser il-principju tac-certezza tad-dritt [*legal certainty*] (ara – "**Emmanuel u Rita mizzewgin Portelli v. L-Avukat Generali et**" (P.A. (QK) (AE) – 14 ta' Gunju 2012).

Fil-kaz "**Brumarescu v. Rumanija**" (ECHR - 28 ta' Ottubru 1999) il-Qorti ta' Strasbourg kien osservat hekk :

*"The right to a fair hearing before a tribunal as guaranteed by Article 6 § 1 of the Convention must be interpreted in the light of the Preamble to the Convention, which declares, among other things, the rule of law to be part of the common heritage of the Contracting States. One of the fundamental aspects of the rule of law is the*

*principle of legal certainty, which requires, inter alia, that where the courts have finally determined an issue, their ruling should not be called into question.”.*

Fil-kaz “**Rosca v. Moldova”** deciz fit-22 ta’ Marzu 2005, il-Qorti ta` Strasbourg osservat hekk :

*“Legal certainty presupposes respect for the principle of res judicata (ibid., § 62), that is the principle of the finality of judgments. This principle insists that no party is entitled to seek a review of a final and binding judgment merely for the purpose of obtaining a rehearing and a fresh determination of the case. Higher courts’ power of review should be exercised to correct judicial errors and miscarriages of justice, but not to carry out a fresh examination. The review should not be treated as an appeal in disguise, and the mere possibility of there being two views on the subject is not a ground for re-examination. A departure from that principle is justified only when made necessary by circumstances of a substantial and compelling character (Ryabykh v. Russia, no. 52854/99, §52, ECHR 2003-IX).”.*

F is-sentenza “**Emmanuel u Rita mizzewgin Portelli v. L-Avukat Generali et” (op. cit.)** inghad illi :

*“Jekk din il-qorti kellha terga’ tidhol fil-meritu tal-kawza u tissindika jekk il-Qorti tal-Appell kenitx korretta bil-mod li ddecidiet, tkun hi stess qeghda tikser il-principju tac-certezza legali. Irrispettivament jekk it-tezi tar-rikorrenti, li ftehim preliminari ghall-konvenju m’huwiex validu, hijiex korretta, f’dan il-process m’ghandux ikun li l-qorti tistharreg jekk per ezempju fil-kawza civili dak li qalet il-Qorti tal-Appell dwar il-fatti kienx bazat fuq interpretazzjoni korretta tal-provi, jekk il-konkluzjonijiet li ghamlet il-qorti kienux kompatibbli mal-provvedimenti sostantivi tal-ligi civili, jew jekk is-sentenza kienitx flokha. Din il-qorti m’ghandix titqies bhala qorti ohra ta’ appell.”*

Jigi notat ukoll li kif qal tajjeb l-appellant, il-kawza li saret referenza ghaliha mill-Ewwel Qorti fil-procediment tal-lum u cioe` "**<u>Peter Montebello vs Avukat Generali</u>**" deciza minn din il-Qorti diversament komposta fil-31 ta' Jannar 2011 ma tghoddx ghal din il-kawza. F'dik il-kawza, il-fatti kienu li l-qorti ordinarja kellha taghti sentenza biss fuq l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni, u spiccat tat sentenza fuq il-mertu wkoll, meta l-partijiet kienu ghamlu provi dwar il-preskrizzjoni biss. Mill-assjem tal-fatti li diga` saret riferenza ghalihom aktar kmieni, huwa evidenti li l-fatti tal-kaz tal-lum huma ghal kollox differenti minn dawk tal-kaz ta` Montebello. Bir-rispett kollu ghad-decizjoni li hadet l-Ewwel Qorti fil-procediment tal-lum, din il-Qorti tghid illi ma jirrizultax li xi parti giet b'xi mod impeduta milli tressaq il-provi taghha u fil-fatt ma kien hemm l-ebda ordni jew digriet f'dan is-sens. Ma hemm ebda indikazzjoni ta' xejn li l-Qorti b'xi mod indikat li mhux ser tiddeciedi l-mertu u l-eccezzjonijiet kollha moghtija, u fil-fatt id-decizjonijiet li nghataw kienu dwar it-talbiet attrici u l-eccezzjonijiet kollha li kienu sollevati. Kwindi din il-Qorti tirrafferma l-fehma taghha illi ma kien hemm l-ebda ksur tad-dritt ta' smiegh xieraq tas-socjeta` appellata.

Ghalhekk l-ewwel aggravju tal-Avukat Generali qed jigi milqugh. Konsegwentement ma hemmx il-htiega li tghaddi ghall-konsiderazzjoni tal-aggravji l-ohra.

Dwar l-appell incidentali abbazi tal-konsiderazzjonijiet hawn maghmula l-appell incidentali qed jigi michud.

**<u>Decide</u>**

**Ghar-ragunijiet kollha premess, din il-Qorti –**

**Fl-ewwel lok, qeghda tilqa' l-ewwel aggravju tal-appell tal-appellant Avukat Generali, u qeghda**

**ghalhekk tirriforma s-sentenza moghtija fis-7 ta` Ottubru 2011 mill--Qorti Civili Prim’ Awla (Gurisdizzjoni Kostituzzjonali) fl-ismijiet “Practical Trading Company Limited v. Il-Kontrollur tad-Dwana u l-Avukat Generali” (Rikors Nru. 6/2010) billi qeghda tikkonfermaha f’dik il-parti fejn illiberat lill-Kontrollur tad-Dwana mill-osservanza tal-gudizzju, qeghda thassarha, tirrevokaha u tannullaha fil-bqija fejn laqghet it-talbiet ta` Practical Trading Company Limited (C12898) fil-konfront ta` l-Avukat Generali u minflok qeghda tichad l-istess talbiet.**

**Fit-tieni lok, qeghda tichad l-appell incidentali ta` Practical Trading Company Limited (C12898) ghar-ragunijiet hawn decizi.**

**Fit-tielet lok, tordna lil Practical Trading Company Limited (C12898) sabiex thallas l-ispejjez taz-zewg istanzi, kemm dawk tal-prim istanza kif ukoll dawk tal-appell, inkluz tal-appell incidentali**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------